# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt

---

Minuti tas-seduta numru tmienja u ħamsin (58) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar it-Tlieta 15 ta’ Ġunju, 2010, fit-8:30am, fil-Bini Muniċipali ta’ Ħal Safi.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Pietru Pawl Busuttil | Sindku |
| | Publius Abdilla | Viċi Sindku |
| | Francis Callus | Kunsillier |
| | Eddie Bonello | Kunsillier |
| | Jerome Busuttil | Kunsillier |
| | Derren Busuttil | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku ippresjeda l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-minuti tas-seduta preċedenti, dawn ġew meħuda bħala moqrija u sarulhom il-korrezzjonijiet kif jidhru bil-linka fuq il-kopja oriġinali, kienu approvati u ffirmati.

**Punti mil-Minuti**

3. Is-SE ikkonferma li l-installar tas-sistema fotovoltaika issa beda u wasal fi stadju avvanzat. Jerome Busuttil irrimarka li l-Inġinier għadu ma ġiex jara x-xogħol u talab lis-SE jikkuntatjah sabiex jiġi jara li x-xogħol qed jsir kif suppost.

4. Jerome Busuttil ikkonferma li x-xogħol ta’ restawr fuq in-niċċeċ ser jibda din il-ġimgħa. Il-Kunsill fadallu javża s-sidien ikkonċernati li ser isir xogħol fuq l-istatwa tal-Kunċizzjoni f’Triq San Pawl u l-istatwa ta’ San Pawl f’Triq San Pawl kantuniera ma’ Triq San Franġisk sabiex dawn jgħatuna permess sabiex jibda x-xogħol ta restawr.

**Fuljett**

5. Is-SE ikkonferma li nġabru l-artikli kollha li ser jinkitbu fuq il-fuljett u għadda kopja tagħhom lil Kunsilliera sabiex jaqrawhom qabel ma jiġi stampat il-fuljett.

6. Il-Kunsilliera ddiskutew ir-ritratt li ser jitpoġġa fuq il-faċċata tal-fuljett. Is-Sindku ippreżenta l-kopja tal-mappa ta’ kif ser issir it-triq il-ġdida fil-Karwija. Minħabba li t-triq hija twila u ma tiġix preżentabli bħala ritratt fil-faċċata il-Kunsilliera

qablu li fil-faċċata titpoġġa l-parti prinċipali tal-pjanta, fejn hemm ir-round about biss, u r-ritratt sħiħ jitpoġġa fuq ġewwa tal-fuljett.

**Korrispondenza**

7. Il-Kunsill irċieva ittra minn għand l-Assistent Direttur tad-Dipartiment tal-Kunsilli fejn laqgħa t-talba tal-Kunsill sabiex Doris Baldacchino tibda taħdem bħala impjegata tal-Kunsill b'effett minn l-1 ta' Ġunju, 2010. Rigward il-promozzjoni ta' Dorianne Zammit, l-Assistent Direttur ikkonferma li dan jista' jingħata fil-15 ta' Ottubru, 2010, wara li jkunu għaddew it-tliet snin ta' esperjenza.

8. Il-Kunsill irċieva l-irċevuta ta' ħlas minn għand id-Dipartiment tal-Kostruzzjoni u Manutenzjoni. Il-bilanċ pendenti jammonta għal €6,680.60. Il-Kunsilliera qablu li dan jitħallas kollu dan ix-xahar.

9. Il-Kunsill irċieva ittra minn għand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward il-parteċipazzjoni ta' Skema ta' Finanzjament ta' Proġett Speċjali f'Lokalitajiet Żgħar. Il-Bord ta' Evalwazzjoni lil Kunsill li dwar il-Progett f'Misraħ San Ġużepp, ma ġiex magħżul biex jingħata l-għajnuna finanzjarja minn din l-iskema għaliex diġa saret applikazjoni ta' fondi taħt skema oħra.

10. Il-Kunsill irċieva talba minn għand persuna b'każ ta' bżonn partikolari fejn talbet li tibgħat it-tifel tagħha f'skola sajf bla ħlas. Il-Kunsill evalwa l-każ partikolari ta' din il-familja u aċċetta li jilqa' t-talba tagħha għal din is-sena.

11. Il-Kunsill irċieva ittra minn familja li xtaqet tibgħat erbgħa tfal fi Skola Sajf u staqsiet hekk f'dan il-każ hemx skond speċjali. Peress li din hija l-ewwel darba li l-Kunsill irrċieva applikazjoni ta' erbgħa aħwa, il-Kunsilliera ddiskutew u ddeċidew r-rati applikabli f'każ li jkun hemm applikazjoni ta' aktar minn żewġ aħwa.

12. Il-Kunsill irċieva e-mail b'ilment minn resident li l-aċċess tal-wifi mill-ġnien ta' quddiem il-kunsill huwa batut. Is-SE irrimarka li l-antenna tal-wifi ma tistax tersaq iżjed lejn il-bieb ta' barra għaliex imbgħad ma jkunx hemm aċċess ta' wifi in-naħa l-oħra fil-librerija. Huwa qal wkoll li ser jieħu parir tekniku hekk jistax jiġi installat *repeater* sabiex isaħħaħ is-sinjal ta'wifi fil-ġnien. Mil-banda l-oħra is-Sindku irrimarka li r-residenti ser jkunu jistaw igawdu minn servizz ta wifi fil-bandli ta' Ħal Safi fi ftit ġimgħat oħra.

13. Eddie Bonello irrimarka u l-Kunsillier qablu, li hemm bżonn niktbu lil ispettur tal-pulizija u lil Trasport Malta sabiex nibdlu l-postijiet tal-gabbani ta' l-ikel fil-festa u dawn jimxu minn Triq l-iSkola għal Triq il-Menqa. Il-Kunsill irid jagħmel wkoll avviz fil-gazzetta tal-gvern f'dan ir-rigward.

14. Eddie Bonello irrimarka u il-Kunsilliera qablu li parti minn triq il-Karwijja qeda dejqa wisq. Infatti fiha ma hemmx *central strip* u lanqas *hard shoulder*. Is-Sindku

irrimarka li din it-triq hija approvata mill-ADT u għalkemm dawn l-*istandards* mhux ideali t-toroq ġodda hekk qed jsiru.

15. Is-SE qara Memo 73/2010 rigward inizjattiva tal-Gvern rigward Premju Lokalitajiet Indaf. Il-Kunsilliera qablu li għandna napplikaw għal din l-inizjattiva u nagħmlu użu minn għajnuna finanzjarja ta' mhux aktar minn €1,000 f'dan ir-rigward. Il-Kunsill ser jagħmel tindif ġenerali fil-Pjazza tal-Ħlantun u tal-Madwar u li testendi sa l-area ta' Ġawhar. Din l-inizjattiva ser issir b'konnesjoni ma' kampanja edukattiva flimkien ma Skola Sajf u n-Nursery tal-futbol sabiex ninvolvu lit-tfal f'din l-inizjattiva ta' indafa favur l-ambjent. Il-Kunsill ser jagħmel użu minn inġenji u minn servizz ta' tindif. B'hekk is-Sindku talab lis-SE sabiex japplika għal għajnuna finanzjarja ta' €1,000 mid-Dipartiment f'dan ir-rigward.

**Ħlasijiet tal-kontijiet tal-Go Plc.**

16. Is-SE irrimarka li għad jkun hemm residenti li jħalsu l-kontijiet tal-Go fil-ħin u dawn xorta jeħlu l-multa li ħalsu l-kont tard minkejja li l-flus jiġu ddepożitati mil-Kunsill fil-ħin. Il-Kunsilliera ddeċidew li niktbu ittra lil-Chairman tal-Go fejn nagħmluha ċara li minkejja li l-kunsill prova kemm il-darba jitlob lil-Go sabiex tieħu azzjonijiet neċessarji sabiex dan in-nuqqas jiġi ikkorreġut u ma jibqax isir, il-Kunsill ma faddallu l-ebda alternattiva oħra ħlief li jitterminaw dan is-servizz b`effett immedjat.

**Hwejjeġ oħra**

17. Is-Sindku rrimarka li l-proġett ta' l-Misraħ San Ġużepp issa wasal fi stadju avvanzat. Huwa qal wkoll li l-pompa għamluha itella' l-ilma mill-ġiebja ta' taħt il-Misraħ. Is-Sindku rrakomanda u l-Kunsilliera approvaw li issir konka tal-qawwi mal-pompa hekk kif kien hemm fil-passat.

18. Is-Sindku issuġġerixxa u l-Kunsilliera approvaw li jiġu installati madwar 20 *bollard* tal-fondut f'Misraħ San Ġuzepp u f'Misraħ Santa Marija.

19. Publius Abdilla rrimarka li l-*one way* f'Triq San Pawl qeda temporanja skond l-ADT sakemm issir Valletta Road fiż-Żurrieq. Is-Sindku qal li wara r-rispons pożittiv mir-residenti għanda issir talba lil ADT sabiex din issir permanenti. Il-Kunsilliera minbarra Francis Callus li astjena mil-vot, approvaw dan u talbu lis-SE jibgħat l-ittra lil ADT sabiex il-*one way* issir waħda permanenti.

20. Publius Abdilla talab lis-Sindku jibgħat ittra ta' protesta lil Pulizija li fil-Purċissjoni ta' Qalb ta' Ġesu u dik ta' Korpus ma kienx hemm pulizija preżenti.

21. L-Għażla ta' l-għalliema u assistenti għal skola sajf ser jiġu mażula f'laqgħa oħra, nhar Tlieta 22 ta' Ġunju, 2010.

22. **Il-Payment Approval** Sheet No. 51 ġiet approvata.

23. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar il-Ħamis 1 ta' Lulju, 2010.

24. Il-laqgħa ntemmet fid-11:30am.

Approvati llum 01/07/2010

Sindku                Segretarju Eżekuttiv